Il-Kummissjoni Ewropea



# Nibdlu l-mod kif nużaw il-plastik

Ħafif, irħis, issibu kullimkien u ma ngħaddux mingħajru. Il-plastik huwa invenzjoni tal-ġenn - imma għandu l-iżvantaġġi kbar tiegħu wkoll.
Wasal iż-żmien li nbiddlu l-approċċ tagħna għall-plastik, u li nistaqsu lilna nfusna ftit mistoqsijiet diffiċli.

- Kif nistgħu nieqfu nużaw il-plastik b'użu uniku?
- Ir-riċiklaġġ tiegħu jista' jsir iktar faċli?
- U kif nistgħu nwaqqfu l-plastik milli jispiċċa fejn m'għandux jispiċċa?

## L-EWROPA TIPPRODUĊI AMMONT KBIR TA' PLASTIK: 58 MILJUN TUNNELLATA FIS-SENA



**40 %** fl-imballaġġ

**22 %** fi prodotti tal-konsumaturi u tad-dar

**20 %** fil-bini u l-kostruzzjoni



**9 %** fil-karozzi u t-trakkijiet

**6 %** fit-tagħmir elettriku u elettroniku

**3 %** fl-agrikultura

Il-biċċa l-kbira tal-materja prima tiddependi mill-karburanti fossili. Għaldaqstant, jekk it-tendenza attwali tal-produzzjoni tibqa' kif inhi, **sal-2050** il-plastik se jkun responsabbli għal 20 % tal-konsum taż-żejt, 15 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u **se nispiċċaw b'iktar plastik milli ħut fil-baħar**.

Sors: PlasticsEurope

## L-EWROPA TIPPRODUĊI 25 MILJUN TUNNELLATA TA' SKART TAL-PLASTIK



**30 % BISS** jiġi rriċiklat

**39 %** jinħaraq

**31 %** jispiċċa fil-landfills

Sors: PlasticsEurope, 2014

L-inizjattivi tal-UE bħal miri ogħla għar-riċiklaġġ u leġiżlazzjoni iktar effettiva dwar l-ilma tax-xorb (biex b'hekk jinqata' l-bżonn għall-ilma tal-flixkun) qed itejbu s-sitwazzjoni, iżda hemm bżonn ta' azzjoni aktar b'saħħitha.

Aktar minn 60 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ, imma 40 % biss ta' dak l-imballaġġ jiġi riċiklat.

Sorsi: PlasticsEurope and Eurostat

# It-tnixxija tal-plastik

Il-plastik huwa b'saħħtu ħafna, u allura jakkumula fin-natura, jagħmel il-ħsara fl-ekosistemi li niddependu minnhom. Fl-oċeani l-plastik jitfarrak f'biċċiet żgħar ħafna li jispiċċaw fil-katina tal-ikel tagħna. Dawn il-mikroplastiks jittieklu mill-plankton, il-plankton jittiekel mill-ħut, u l-ħut...... nikluh aħna.




Sors: IP-13-1017




Ħafna minn dawn l-oġġetti huma mballaġġ għall-ikel u x-xorb u l-biċċa l-kbira tagħhom kienu maħsuba biex jintużaw darba biss ("plastik b'użu uniku"). Dan ħela ta' riżorsi prezzjużi.

# Wasal iż-żmien li nibdlu l-approċċ tagħna għall-plastik

**Wasal iż-żmien li nibdlu l-mod kif niddisinjawh, nipproduċuh, nużawh u narmuh.** Ejjew noħolquh mill-ġdid il-plastik!

**L-UE għandha strateġija ġdida li tindirizza ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-plastik.** L-għan huwa li

- IŻOMM IKTAR
- IKUN IKTAR FAĊLI NERĠGĦU NUŻAWH U NIRRIĊIKLAWH
- NIĠBRUH IKTAR MALAJR

Irridu wkoll nieqfu nużaw il-plastik fejn ikollna alternattivi aħjar, u niżguraw li l-plastik li nużaw iżomm il-valur ekonomiku tiegħu għall-itwal żmien possibbli, u ma jispiċċax fil-landfills.

**Sal-2030, l-imballaġġ tal-plastik kollu mqiegħed fis-suq tal-UE għandu jkunu jista' jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat.** Apparti milli nnaqqsu l-marka tal-karbonju mill-industrija, dan se jnaqqas l-iskart tal-plastik u l-iskart fil-baħar, u jnaqqas it-tixrid tal-mikroplastiks.



## FL-2014 MALTA ĠĠENERAT 11 179 TUNNELLATA SKART MILL-IMBALLAĠĠ TAL-PLASTIK

Sors: L-Ewrobarometru

| | F'Malta | | Il-medja tal-UE | |
|---|---|---|---|---|
| | ġie ġġenerat | ġie rriċiklat | ġie ġġenerat | ġie rriċiklat |
| | **26 KG** | **33 %** | **31 KG** | **40 %** |
| | ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik għal kull persuna (2014) | tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik (2014) | ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik għal kull persuna (2014) | tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik (2015) |

## X'aħna nagħmlu dwar l-iskart tal-plastik?

| | jisseparaw l-iskart għar-riċiklaġġ | jevitaw li jużaw oġġetti ta' darba bħal tazzi u pożati tal-plastik | jevitaw li jixtru prodotti b'imballaġġ żejjed | jużaw inqas boroż tal-plastik |
|---|---|---|---|---|
| F'Malta | **72 %** | **36 %** | **24 %** | **84 %** |
| Il-medja tal-UE | **65 %** | **34 %** | **24 %** | **75 %** |

Sors: L-Ewrobarometru

## Kieku kif tindirizzaha l-isfida tal-plastik?

Il-biċċa l-kbira tal-Maltin jappoġġaw il-miżuri li jnaqqsu l-iskart tal-plastik. B'90 % tal-Maltin inkwetati dwar l-impatt tal-plastik fuq l-ambjent, u bi 88 % inkwetati dwar l-impatt tiegħu fuq saħħithom, in-nies huma entużjasti biex jindirizzaw l-isfida tal-plastik, iżda x'jaħsbu li għandu jsir?

Sors: L-Ewrobarometru



- **95 %** jaħsbu li l-prodotti għandhom jitfasslu b'tali mod li jkun iktar faċli li jiġu rriċiklati
- **96 %** jaħsbu li l-industrija u l-bejjiegħa bl-imnut għandhom jippruvaw inaqqsu l-imballaġġ tal-plastik
- **96 %** jaħsbu li l-awtoritajiet lokali għandhom jipprovdu aktar faċilitajiet adegwati ta' ġbir għall-iskart tal-plastik
- **97 %** jaħsbu li n-nies għandhom jiġu edukati dwar kif inaqqsu l-ammont ta' skart tal-plastik
- **68 %** jaħsbu li l-konsumaturi għandhom iħallsu aktar għall-prodotti tal-plastik b'użu uniku, bħall-pożati

#PlasticsStrategy

#CircularEconomy

https://twitter.com/EU_ENV

https://www.facebook.com/EUEnvironment

http://ec.europa.eu/environment/circular-economy

http://ec.europa.eu/environment/waste/plastic_waste.htm

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | KH-02-18-001-MT-C | ISBN 978-92-79-80782-4 | doi:10.2779/489825 |
| PDF | KH-02-18-001-MT-N | ISBN 978-92-79-80781-7 | doi:10.2779/97168 |


© L-Unjoni Ewropea, 2018
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018.
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.